# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 528/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Manuel Galea**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Joseph Manuel Galea**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 31182(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Marzu 2016 għall-ħabta tas-13:55hrs waqt li kien ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa:

1. kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied;

2. għamel lil Hadrian John Borg inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra f'dan il-Kodiċi jew jekk kien ipprovokat inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Hadrian John Borg jibża' li kienet ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti aħwa subien jew bniet jew kontra xi persuna oħra;

4. bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Bernardette Borg weġgħaha bi kliem, b'ġesti jew b'xi mod ieħor.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Hadrian John Borg u ta' Bernardette Borg.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru 2016 fejn il-Qorti, filwaqt li ddikjarat lill-imputat mhux ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u minnhom illiberatu, wara li rat Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u kkundannatu multa ta' ħamsin Euro (€50). Il-Qorti rabtet lill-ħati b'obbligazzjoni *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta taħt penali ta' ħames mitt Euro (€500) għal żmien sena minn dakinhar tas-sentenza u dan skont digriet anness mal-istess sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija vs. Joseph Manuel Galea (K.I. Numru 31182(M))</u>*** *deċiża fis-sebgħa (7) ta' Novembru, elfejn u sittax (2016), preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. għar-rigward tar-raba' imputazzjoni fejn sabet ħtija fil-konfront tal-imputat u għalhekk tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u tillibera lill-appellant minn tali imputazzjoni numru erbgħa (4) miġuba kontrih u minn kull piena u tikkonferma s-sentenza*

*fil-bqija tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha fejn l-imputat ġiet illiberat mill-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Novembru 2016.

Illi l-fatti ta' dan il-każ rakkontati fil-qosor huma li l-appellant u l-*parte civile* Hadrian John Borg kellhom xi jgħidu l-Armier u apparti ħafna kliem oxxen, Borg allega li l-appellant qallu biex imur ifittex lil missieru meta dan tal-aħħar kien ilu mejjet diversi snin. Fis-sentenza appellata, l-appellant instab ħati biss tar-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu. Huwa ġie liberat mill-imputazzjonijiet l-oħra.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq aggravju wieħed b'diversi kontestazzjonijiet li jirrigwardaw ir-raba' (4) imputazzjoni li tagħha huwa nstab ħati.

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjoment ikun opportun li tinnota li r-raba' (4) imputazzjoni li l-appellant instab ħati tagħha kienet taqa' taħt Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta li dan l-artikolu ġie mħassar mil-leġislatur permezz ta' Att XI tas-sena 2018. Jirriżulta wkoll li l-imputazzjonijiet f'dan il-każ jagħmlu riferenza għad-19 ta' Marzu

2016 u li s-sentenza appellata ngħatat fis-7 ta' Novembru 2016. Dan ifisser li t-tħassir ta' Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta seħħ wara l-għoti tas-sentenza appellata u wara li kien interpost l-appell odjern.

Illi skont id-duttrina dwar l-effett taż-żmien fuq reat, il-ħati għandu jibbenefika minn liġi aktar mita jekk il-kastig jitnaqqas bejn meta wettaq ir-reat u meta tingħata s-sentenza. F'dan il-każ il-piena mhux biss tnaqqset talli spiċċa wkoll ir-reat.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li kiteb il-Profs. Sir A. Mamo fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (Criminal Law – First Year) fejn ingħad hekk (*a fol.* 32):

> "The principle accepted in continental doctrine and practice which we follow in this matter, is that, if the law on which the charge is framed is repealed without any qualification while the proceedings are still pending, such proceedings shall fall to the ground and no sentence against the accused can be pronounced.
>
> [...M]odern writers [...] contend that the principle in question has a true juridical foundation. Their argument is that, rather than an exception to the rule of non-retroactivity with regard to the new law, the said principle is an affirmation with regard to the former law, of the other rule that a law cannot operate after its repeal. In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the ground that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (*divieto di ultra-attivita'*) that, in this hypothesis, the criminal

> proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence."

Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza mogħtija minnha fis-26 ta' April 2019 fl-ismijiet **The Police vs. Helen Katrina Milligan** (Numru 512/2017):

> "The charge under consideration is not as yet *res judicata* and effect of the repeal of Article 252(1) of the Criminal Code must be applied to this charge to the benefit of appellant. In other words, the alleged action of which appellant stands accused no longer gives rise to a criminal offence [...]."

Illi dan il-każ għadu mhux *res judicata* u għalhekk għandu jkun applikat l-effett ta' tħassir ta' dak li kien Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta favur l-appellant. B'hekk isegwi li din il-Qorti ser tillibera lill-appellant mir-raba' (4) imputazzjoni minħabba t-tħassir ta' Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ma hemmx bżonn li l-Qorti tikkunsidra l-aggravju mressaq mill-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant u tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie liberat mill-ewwel tliet imputazzjonijiet;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant instab ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u fejn ġie kkundannat multa ta' ħamsin Euro (€50.00) u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tar-raba' (4) imputazzjoni

dedotta kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**